MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 125/2003

**Paul Zammit Cutajar**

**vs**

**Suzanne Zammit Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici prezentata fil-5 ta' Frar 2003 fejn l-attur talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi ddikjarat null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Att XXXVII tal-1975.**

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-2 ta' Mejju 2003 a fol. 11 fejn gie premess:-

Illi l-esponenti giet notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-ismijiet premessi u tinsab kontumaci;

Illi l-esponenti tirrileva illi hija taqbel illi z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u tixtieq illi tinghata l-opportunita’ illi tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u taghti r-ragunijiet l-ghaliex tahseb illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null;

Illi meta l-esponenti giet notifikata bic-citazzjoni odjerna hija kienet genwinament taht l-impressjoni illi tali dokumenti kienu jirreferu ghall-kawza dwar manteniment illi hemm pendenti bejn il-partijiet fl-ismijiet inversi u ghalhekk baqghet ma avvicinatx lill-avukati difensuri taghha sakemm kellha l-appuntament fl-ufficcji taghhom u dan specjalment minhabba d-diffikulta’ tal-esponenti li taqra u titkellem bil-lingwa Maltija;

Illi *stante* n-natura delikata tal-proceduri ta’ annullament, l-esponenti titlob illi hija tiddefendi din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tigi ammessa taghmel l-eccezzjonijiet taghha u dan ghall-ahjar andament tal-proceduri ta’ anullament taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 7 ta’ Mejju 2003 fejn giet ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghal risposta, u dak tad-19 ta’ Mejju 2003 fejn fin-nuqqas ta’ risposta, il-Qorti ordnat lill-konvenuta tipprezenta l-affidavits dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tad-digriet b’kopja lill-kontro-parti.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Mejju 2003; tal-11 ta’ Gunju 2003 u tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn ir-rikors gie differit ghal decizjoni fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghall-20 ta’ Jannar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-konvenuta **Suzanne Zammit Cutajar** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet:-

*"I am English speaking and for this reason, I am filing this affidavit in English. I shall elaborate on this point further in this affidavit.*

*I am preparing this affidavit in order to explain why I did not file a note of pleas within the period of twenty days, allowed by Law for this purpose following service of the writ of summons in the names Paul Zammit Cutajar vs Susan Zammit Cutajar, bearing the writ of summons number 125/03 RCP.*

*I shall start by explaining that I am not very coversant in the Maltese language. I lived in Canada until I was twelve years of age. My mother is Maltese but my father is Canadian and therefore the Maltese language was never spoken at home. When I came to Malta in 1971, I found it very hard to pick up Maltese because I was almost all the time in an English speaking environment (home or school) and the imperative to learn Maltese was reduced by the fact that all those around me spoke and understood English. Moreover I found that I generally got by speaking English even to strangers. This situation persisted for a long period of time. I never studied Maltese in school and although I can now understand most conversations in Maltese, I never learnt how to read Maltese.*

*My husband and I are currently involved in a lawsuit in the names **"Suzanne Zammit Cutajar vs Paul Zammit Cutajar"** – Case Number: RCP 2051/98. During the period immediately before service of the writ of summons mentioned in the first paragraph of this affidavit, my husband had filed and notified me with some affidavits. I had phoned my lawyer and sent them to him. When I received the writ of summons by mail at my residence, I was unable to read it and I assumed that it was connected*

*to my other lawsuit in the names **"Suzanne Zammit Cutajar vs Paul Zammit Cutajar"** – Case Number: RCP 2051/98*

*The writ of summons was obviously written in Maltese and could not properly understand it and did not realise that there was a fixed date to reply. As I previously stated I had an appointment scheduled with my lawyer in two weeks and thought it could wait till then. I have for the past four years been receiving documents in connection with my lawsuit in the inverse names, which have never had a deadline.*

*I made an appointment with my lawyer, to bring him over the papers I received, without realising their importance and without knowing that I had to reply to the writ within twenty day.*

*I was given an appointment two weeks after I called to make it. This appointment was not held but I left the papers at my lawyer's office. My lawyer contacted me some days later and informed me of all the implications of the writ. He inquired when I had received the writ and, when I told him, he informed me that I could not file a reply as the period for reply had elapsed."*

**(ii) LIGI U GURISPRUDENZA.**

Illi skond l-**Artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **Artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."*

Illi din il-Qorti gja' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et"** (Cit. Nru. 1302/97/RCP) deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri tal-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li

min-naha wahda l-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u min-naha l-ohra ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-*culpa* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* (Appell. **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"**) deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet"** (P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451.) sostniet li **l-artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippostula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna nteressata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevih, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut.

Illi nfatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

*"Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u*

*rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … anke ghax ma jistax ikun hemm culpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Illi dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philipov vs Paul Stoner f'ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Cit. Nru. 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998) u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. **(Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).**

*"Dawn il-principji ghandhom pero' jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta' l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita' tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' taghha*" (*vide* **"Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et"** deciza 21.4.1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Rita Schembri nee' Calleja vs Mario Schembri"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003 fejn inghad li l-istess principji japplikaw ghall-kawzi tal-familja, sew f'kazijiet ta' separazzjoni, jew annullamenti taz-zwieg, jew ghal kull kawza ohra tant li nghad is-segwenti:-

*"Veru li din hija kawza ta' annullament taz-zwieg, pero' wkoll ma hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja huma l-istess ghal kull kawza, kemm jekk din titratta dwar l-ligi tal-familja, u kemm jekk hija kawza ohra ta' natura civili jew kummercjali, u dan ghaliex l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fir-rigward, kif wkoll lanqas taghmel din id-distinzjoni jew differenza ta' trattament l-gurisprudenza nostrali."*

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Apell fil-kawza fl-ismijiet **"Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi"** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta' Lulju 2001 fejn inghad is-segwenti:-

*"Indubbjament l-istutut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex.*

*Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri.*

*Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha l-atitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien rejalment il-htija tat-tifrik taz-zwieg."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza **"Myriam Causon vs Nicholas Falzon"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2003).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-konvenuta qed tallega li ghalkemm hija giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici hija ma rrispondietx ghall-istess peress li hija ma tafx taqra bil-Malti, u wkoll peress li hija tinsab involuta fi proceduri legali mal-attur f'kawza ohra fl-ismijiet **"Suzanne Zammit Cutajar vs Paul Zammit Cutajar"** (Citaz. Nru.

2051/1998) hija f'dak l-istess perjodu kienet ghadha kemm irceviet ukoll affidavits tal-attur f'din l-ahhar imsemmija kawza, liema affidavits baghtithom lill-avukat, izda meta rceviet din ic-citazzjoni hija assumiet li din kellha x'taqsam mal-kawza l-ohra u b'hekk hija ma kenitx taf li hija kellha tirrispondi ghall-istess fit-terminu moghti. Pero' saret taf bil-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas biss wara li giet informata mill-avukat taghha wara li ffissat appuntament.

Illi din il-Qorti ma thossx li l-konvenuta rnexxielha tipprova l-allegazzjonijiet taghha u senjatament li n-nuqqas taghha li tirrispondi fit-terminu moghti lilha ghall-prezentata tal-eccezzjonijet kien dovut ghal xi haga ndipendenti mill-volonta' taghha, anzi jirrizulta li kien l-agir negligenti tal-istess konvenuta li kien determinanti ghall-istess nuqqas taghha li tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha fit-terminu moghti.

Illi ghalkemm l-istess konvenuta tghid li hija ma tifhimx u ma taqrax bil-Malta dan ma jfissirx li allura ghandha tinjora l-atti notifikati lilha, u kien fl-interess taghha li jekk tircievi xi haga mill-Qorti li hija ma tistax tifhem ghaliex bil-Malti, hija tkellem lill-avukat taghha. Fuq kollox jidher li l-konvenuta *ex admissis* sostniet li hija kellha u ghad ghandha proceduri fil-Qorti kontra l-istess attur dwar manteniment u fil-fatt enfasizzat li dawn il-proceduri ilha nvoluta fihom cirka erba' (4) snin, u ghalhekk ma kellha ebda diffikolta' li tikkomunika mad-difensur taghha ghad-direzzjoni legali, anke sabiex tkun taf il-kontenut tal-istess atti li hija qed issostni li ma tafx x'kien fihom.

Illi fuq kollox din il-Qorti tinnota li minflok l-istess konvenuta ppruvat tiskopri s-sinifikat tal-istess atti, hija assumiet li dawn kienu jirreferu proceduri li hija kienet istitwiet u kienu pendenti kontra l-attur, anke ghaliex hija qalet li f'dak il-perjodu kienet irceviet affidavits minghand l-attur odjern dwar l-ahhar imsemmija kawza. Dan pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jiskulpax lill-konvenuta min-nuqqasijiet taghha, u dan peress li fl-ewwel lok f'dawn l-atti ma hemm l-ebda prova li tali allegati affidavits tal-attur gew effettivament notifikati lill-konvenuta fl-istess perjodu

tan-notifika lilha tac-citazzjoni odjerna anke jekk dan il-punt jitqies li huwa relevanti ghad-decizjoni odjerna; u fit-tieni lok certament li hemm differenza bejn il-formulazzjoni ta’ affidavit u l-formula tac-citazzjoni odjerna u l-avviz tas-smiegh tal-kawza u certament li persuna gja nvoluta fil-procedura quddiem il-Qrati tinduna mill-ewwel dwar l-istess; fl-ahharnett jidher li l-istess konvenuta ndunat li kienu atti tal-Qorti pero’ ghazlet li ma tagixxix tempestivament dwar l-istess haga li turi *colpa* da parti tal-konvenuta, aktar w aktar meta hija ssostni li ma tafx x’kienu jikkomprendu, peress li kien aktar fl-interess taghha li tkun taf effettivament xi jfissru dawn. Fuq kollox l-isem taghha u ta’ zewgha fuq l-atti kollha u n-numru differenti taz-zewg proceduri, apparti d-dati ndikati, certament li kienu konoxxibbli u verifikabbli ghall-konvenuta.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fil-waqt li fil-kaz tal-affidavits hija sostniet li dawn baghtithom lill-avukat li taha appuntament *entro* gimaghtejn minn meta kkomunikat mieghu. Dwar l-atti odjerni notifikati lilha ma ghamlet xejn bil-hsieb skond hija li taghtihomlu dakinhar. Kieku sar hekk xorta l-konvenuta kienet fit-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet taghha, ghalkemm mhux car meta sar dan l-appuntament, presumibbilment meta rceviet l-istess affidavits u qabel in-notifika tal-istess citazzjoni. *In ogni caso* dan l-appuntament ma nzammx, ghaliex ma tghidx, u kulma ghamlet il-konvenuta kien biss li halliet il-karti ghand l-avukat li ftit jiem wara nformaha li z-zmien ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet kien skada.

Illi pero’ jigi rilevat li c-citazzjoni attrici giet notifikata lill-konvenuta fis-26 ta’ Marzu 2003 izda r-rikors tal-konvenuta gie pprezentat biss fit-2 ta’ Mejju 2003, aktar minn xahar wara l-istess notifika, u allura *ben oltre* wkoll il-gimaghtejn imsemmija mill-konvenuta ghal appuntament mal-avukat taghha li thassar ghalkemm halliet il-karti fl-ufficcju tieghu. Dan ikompli jikkonferma n-negligenza tal-istess konvenuta, anke fid-dawl tal-fatt li d-difensuri taghha agixxew tempestivament maghha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li kien l-agir tal-konvenuta li kkontribwixxa u kkawza n-nuqqas taghha li tirrispondi tempestivament ghac-citazzjoni attrici u certament li l-fatti kif esposti mill-konvenuta stess ma jammontawx ghal impediment legittimu ndipendenti mill-volonta' taghha, u certament l-izbalji kommessi mill-konvenuta ma jistax jinghad li kienu b'xi mod invincibbli, anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-agir tal-konvenuta kien totalment nieqes minn kull element ta' responsabbilta' u ezempju car tan-negligenza taghha. Apparti dan, kif il-Qorti gja' accennat il-verzjoni tal-istess konvenuta lanqas hija verosimili u kredibbli u f'xi partijiet lanqas giet b'xi mod sostanzjata. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi li t-talba tal-konvenuta ghandha tigi respinta *stante* li ma rnexxilhiex tipprova l-allegazzjonijiet minnha vantati fil-kuntest tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghha, anzi mix-xhieda taghha stess din il-Qorti thoss li hemm proprju l-prova tan-negligenza taghha, liema nuqqas tal-konvenuta abbazi tal-ligi nostrali qatt ma jista' jwassal sabiex tintlaqa' t-talba taghha u dan kollu abbazi tal-gurisprudenza nostrali li parti minnha giet fuq citata.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad t-talba tal-konvenuta ghall-gustfikazzjoni tal-kontumacja taghha skond ir-rikors taghha prezentat fit-2 ta' Mejju 2003** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------